newsbook.com.mt

LOKALI

# L-istudenti Maltin l-iktar li pparteċipaw fl-Erasmus+

*Jesmar Baldacchino - 11/07/14 09:48 AM*




Waqt is-sena akkademika 2012/2013, 40% tal-istudenti Maltin applikaw u ħadu sehem fl-Erasmus+.

Fil-fatt, Malta kellha l-ikbar persentaġġ ta' parteċipazzjoni ta' studenti, meta mqabbel mal-popolazzjoni, f'din l-iskema tal-Unjoni Ewropea.

L-akbar numru ta' studenti waslu minn Spanja, Franza u l-Ġermanja.

Il-Kummissjoni Ewropea qalet li matul is-sena li għaddiet madwar 270,000 student ipparteċipaw fil-programm Erasmus+ 2012/2013.

Il-Kummissarju Ewropew għall-Edukazzjoni Androulla Vassiliou ikkummentat fuq il-popolarità tal-Erasmus kif mill-1987 sal-lum kienu aktar minn 3 miljuni l-istudenti li bbenefikaw minn din l-iskema u setgħu jistudjaw f'pajjiż Ewropew ieħor.

Matul is-sena li għaddiet, permezz tal-Erasmus+, 52,000 għalliem f'livell Universitarju irċevew *grants*.

Wieħed minn kull ħames studenti li ħadu sehem fl-Erasmus+ sabu opportunità ta' xogħol.

Il-Kummissjoni Ewropea allokat €15-il biljun għall-Erasmus+, li hija miftuħa għat-28 pajjiż membru fl-Unjoni Ewropea kif ukoll għall-Iżlanda, l-Iżvizzera, in-Norveġja, Liechtenstein u t-Turkija.